

# Il-Knisja ta' Santa Marija – Ħal Lija

Dr James Azzopardi

Din il-knisja żgħira hija ddedikata lit-Tlugħ ta' Ommna Marija Santissima fis-sema, jew l-Assunta, u tinsab kantuniera bejn Triq Sant'Andrija u Triq il-Kbira, eżatt quddiem il-Każin tas-Soċjetà Sant'Andrija.

## L-istorja ta' din il-knisja

- 1575 - inbniet bħala devozzjoni personali mis-Sur Mariano Portelli (imlaqqam ta' Duna) skont dokument tan-Nutar Angelo Bartolo tal-25 ta' Lulju 1569 [1].
- 1658 - ma kinitx tintuża' aktar u ġiet magħluqa [2].
- 1755 - reġgħet inbniet mill-ġdid minn Dun Saverio u ħuh Dun Michele Portelli flimkien mas-Sur Michele Bartolo [3].
- 1782 - fl-24 t' Awwissu ġiet imbierka mill-Isqof Vincenzo Labini, ġurnata qabel ma ġiet ikkonsagrata l-parroċċa attwali.



*Il-Knisja ta' Santa Marija qabel u wara r-restawr*


*Il-knisja minn ġewwa*

- bidu tas-seklu dsatax – probabbli flimkien ma' xi djar fil-qrib, kienet ingħatat lill-Ġiżwiti li kienu jgħixu hemmhekk [4]. Infatti mal-ġenb tal-altar hemm żewġ pitturi żgħar, waħda tirrappreżenta lil San Franġisk Saverju u oħra lil San Alwiġi, it-tnejn qaddisin Ġiżwiti. Fid-djar li jmissu mal-knisja u li kienu jiffurmaw parti minn dan il-kumpless għad hemm xi karatteristiċi fil-bini li probabbli saru f'dan il-perjodu kif wieħed jista' jara fir-ritratti. Probabbli kien hemm ukoll il-ħsieb li fuq il-bieb prinċipali jiġu minquxa fil-ġebel xi stemmi reliġjużi jew tal-familja li bniet il-knisja, iżda kif għadu jidher sal-lum dan baqa' ma sarx.
- 1811 - bennejja minn Ħal Lija għamlu għotja ta' pittura ta' San Tumas Appostlu, iżda din illum il-ġurnata tinsab fil-parroċċa [3].


*Skultura f' dar fil-qrib*

- nofs is-seklu dsatax - il-knisja għaddiet f'idejn il-Kurja u l-kumpless ta' bini maddawra nxtara mill-Familja Vella. Infatti fis-sagristija tal-parroċċa hemm *portrait* ta' Mons. Vella li kien jgħix hemmhekk mal-familja tiegħu u jieħu ħsieb il-knisja.
- 1919 - beda jieħu ħsieb il-knisja Mons. Ġużeppi Xerri.
- wara t-tieni gwerra dinjija - il-kumpless inqasam fi djar differenti u parti minnu għadha abitata minn eredi tal-familja Vella sal-lum.
- 1999 - Dun Nazzaren Caruana, il-kappillan ta' dak iż-żmien, kien irranġaha u beda jużaha għall-Espożizzjoni Ewkarisitka.
- 2012 – fi Frar beda x-xogħol ta' restawr minn barra. Fosthom tbiddel is-salib tal-konkrit li kien hemm fuq il-lanterna għax dan kien kollu maqsum, flimkien ma' numru ta' ġebel li ttiekel. Is-sitt twieqi tal-lanterna nbiddlu

minn aluminium għal injam.

- 2012 – ftit qabel is-6 t'Awwissu tlesta x-xogħol ta' restawr fuq il-knisja minn barra.
- Xi jmiss? Fuq barra ser jiġi restawrat ukoll iz-zuntier żgħir li jinsab quddiem il-knisja u b'hekk ix-xogħol minn barra jkun komplut. Wara jibda dak minn ġewwa fejn bħalma forsi nnutajtu, il-ħajt qed jaqa' kollu speċjalment fil-parti t'isfel u l-bibien u t-twieqi għandhom bżonn dawra tajba flimkien ma' xogħlijiet oħra anke fis-sagristija.



*IS-sena 1818 minquxa fuq bieb fil-kumpless*

## Ġewwa din il-knisja nsibu:

- L-istatwa tal-Madonna tad-Duluri - din hija tal-injam u nħadmet f'Bolzano, l-Italja fl-1958. Kienet għotja minn Mons. Ġużeppi Xerri li diġà semmejna qabel u li kien ilaqqa' tfal mir-raħal f'din il-knisja u jgħallimhom il-katekiżmu. Mons. Xerri kien ukoll devot ħafna tal-Bambin ta' Praga li tiegħu ħalla statwa żgħira.
- Il-kwadru titulari ta' Maria Assunta - xogħol Michele Busuttil. Qabel dan il-kwadru kien hemm ieħor impitter minn Zacaria Micallef fis-17-il seklu [2]. Dan tal-aħħar issa jinsab fil-Knisja l-Qadima tas-Salvatur.


*Bieb fil-kumpless*

Fis-sagristija mbagħad hemm żewġ pitturi mdaqqsa li jirrappreżentaw lil San Mark u San Luqa Evanġelisti.[6]

Ix-xogħol tar-restawr minn barra sar mid-Direttorat tar-Restawr u


*Skultura fuq il-bieb*

responsabbli ta' dan kienet il-Perit Jean Frendo. Għal din il-ħidma f'isem il-poplu ta' Ħal Lija nirringrazzjaw lil dawk kollha li ħadmu u għenu f'dan il-proġett. Issa nħarsul 'l quddiem għax-xogħol li jmiss! Bħal ma tistgħu tobsru, għalkemm l-għajnuna kienet kbira, hemm numru ta' spejjeż li jridu jsiru mill-parroċċa.

B'hekk nittamaw li fil-qrib bħala poplu Lijan, bil-Grazzja tas-Sinjur Alla, inkunu nistgħu noffru 'Uffiċċju' aktar xieraq lil Ġesù Salvatur fir-raħal tagħna.

Din il-knisja tkun miftuħa mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mit-8am sat-8pm u jkun hemm Ġesù Kristu Salvatur fil-Persuna u d-Divinità kollha Tiegħu fl-Ewkaristija jistenniena. Barra minn hekk, darba fix-xahar, kull l-aħħar nhar ta' Tlieta tax-xahar, issir ukoll quddiesa fis-7.30pm.

Jekk għandek aktar informazzjoni storika u tagħrif fuq din il-Knisja napprezzaw ħafna jekk tgħadduhomlna, u kull għajnuna li wieħed jista' jagħti tkun apprezzata ferm.

GRAZZI!!!

**Referenzi**

[1] Achille Ferris, *Descrizione e Storia delle Chiese di Malta e Gozo* 1878 *pg*.449

[2] Salvu Mifsud, *Tifchira tal Festi Solenni f'Ħal Lija Il Għoxrin Centinarju tat-Trasfigurazzjoni Gloriusa ta Sidna Ġesu Kristu Salvatur tad -Dinja* 1932 pg.35

[3] Anton Ebejer, *Ħal Lija Il Villa Maltijja* 1976 pgs.15, 28.

[4] Anton Azzopardi SJ, *Jesuit Schools in Malta* (2) pg.16

[5] Referenzi mill-Kurja ta' Malta
Ref..AAM vp 1665-1666, 132v; va 1575c, 50v-51r; vp 1588-1602, 353v; vp 1635-37b, 169r-v; vp 1644-1646, 204v; vp 1653-1654, 155v; vp 1656-1659, 155v; vp 1758-60 I , 568v-569r.

[6] Dun Lawrenz Lia, Villa Lija, Marzu 1966.